**271. Il-Prim Ministru, l-Onor. Dom Mintoff, jipproponi din ir-Riżoluzzjoni:**

## TIĠDID TA' KIRI TA' ST. GEORGE'S BARRACKS, ST. GEORGE'S LILL-ĦAL-FERĦ HOLIDAY COMPANY LIMITED (B'ŻIEDA TA' KUNDIZZJONI)

Billi b'Riżoluzzjoni tas-Seduta Numru 123 tal-24 ta' Jannar, 1978, il-Kamra tad-Deputati approvat l-għotja ta' St. George's Barracks, St. George's, lil Ħal-Ferħ Holiday Company Limited skont il-kundizzjonijiet tal-Abbozz ta' Ftehim anness mal-istess riżoluzzjoni.

U billi b'Riżoluzzjoni Numru 158 tas-17 ta' Jannar, 1979 il-Kamra tad-Deputati approvat l-għotja b'kera tal-istess fond għal sena mill-1 ta' Awwissu, 1978.

U billi l-imsemmija Kumpanija talbet lill-Gvern biex jerġa' jikrilha l-istess fond għal sitt snin mill-l ta' Awwissu, 1979, skont il-pattijiet u kundizzjonijiet l-oħra li hemm fl-abbozz ta' ftehim fuq imsemmi; iżda biż-żieda li l-istess fond ikun jista' jiġi wżat għal skopijiet turistiċi.

U billi huwa maħsub fil-paragrafu (c) tas-sub-artikolu (1) tal-artikolu 3 tal-Att tal-1976 dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern li art li tkun proprjetà tal-Gvern jew amministrata minnu tista' tiġi trasferita "skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil-ħin tat-trasferiment";

U billi huwa xieraq li t-trasferiment fuq imsemmi jsir skont riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati;

Għalhekk huwa b'dan riżolut li l-fond magħruf bħala St. George's Barracks, St. George's, jista' jiġi mogħti lill imsemmija kumpanija, Ħal-Ferħ Holiday Company Limited b'kera għal sitt snin mill-1 ta' Awwissu, 1979 skond il-pattijiet u kundizzjonijiet l-oħra li hemm fl-abbozz ta' ftehim fuq imsemmi, iżda biż-żieda li l-istess fond ikun jista' jiġi wżat ukoll għal skopijiet turistiċi.

18.07.1980